**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**

**vs**

**Omissis**
**Abdussalam Mohamed Smeda**
**Ben Hamed Abdulsalam**
**Omissis**
**Omissis**
**Davison Micallef**

**Illum 14 ta' Mejju 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 311/2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Omissis, detentur tad-dokument tar-residenza Maltija bin-numru 122096(A), Abdussalam Mohamed Smeda, detentur tad-dokument tar-residenza Maltija bin-numru 191262(A), Ben Hamed Abdulsalam, detentur tad-dokument tar-residenza Maltija bin-numru 20548(A), Omissis, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 238297(M), Omissis, detentrici tal-karta tal-

identita' Maltija bin-numru 476389(M) u Davison Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 384295(M), billi huma akkuzati talli:

Omissis wahdu. Akkuzat:

(1) Talli bejn il-5 ta' April 2020 u t-2 ta' Lulju 2020, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxijhom bi ksur tal-Artikolu 334, 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Abdussalam Mohamed Smeda wahdu. Akkuzat:

(2) Talli bejn is-sbatax ta' Mejju 2020 u t-2 ta' Lulju 2020, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxijhom bi ksur tal-Artikolu 334, 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ben Hamed Abdulsalam wahdu. Akkuzat:

(3) Talli bejn is-26 ta' Mejju 2020 u s-7 ta' Lulju 2020, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxijhom bi ksur tal-Artikolu 334, 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' Malta.

Omissis wahdu. Akkuzat:

(5) Talli bejn it-2 ta' April 2020 u l-4 ta' April 2020, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxijhom bi ksur tal-Artikolu 334, 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Omissis wahedha: Akkuzata talli:

(6) Talli bejn il-25 ta' April 2020 u l-1 ta' Lulju 2020, f'dawn il-gzejjer xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahlet biex tbieghhom jew tmexxijhom bi ksur tal-Artikolu 334, 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Davison Micallef wahdu. Akkuzat talli:

(7) Talli bejn it-3 ta' April 2020 u d-29 ta' Mejju, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxijhom bi ksur tal-Artikolu 334, 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Artikolu 334 tal-Kap 9 - Ir-reat ta' ricettazzjoni</u>**

Dwar ir-reat ta' riċettazzjoni, l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li huwa ħati ta' reat kull min f'Malta, "*xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan*

*isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom".* Ix-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika, u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-riċettatur kien jaf, jew li miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien messu raġonevolment jaf li l-oġġett li ser jakkwista ġej minn provenjenza kriminuża.[1]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati assistit mill-avukati Dr. Jason Grima u Dr. Yanika Bugeja fuq ghazla tennew li huma ħatja ghall-akkuza miġjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi l-imputati regghu tennaw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

---

[1] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll, il-Prosekuzzjoni issottomettew illi f'kaz ta' ammissjoni mill-imputati, l-piena m'ghandix tkun wahda karcerarja jew pekunarja stante in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz odjern.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputati hatja ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, izda bl- applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jwettqux reat iehor fi zmien sena millum.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputati bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur